Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 31/2009

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Carmela Burlo'**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2009 fejn l-attur talab lill-Qorti tiddikjara, okkorendo bin-nomina ta' perit, li n-nuqqas ta' lqugh u d-depositi kollha, inkluz it-terrapien u hamrija li hemm imissu mal-hajt divizorju tal-garaxx tieghu gewwa Triq il-Vittmi tal-Gwerra f'Birkirkara numru 1, liema depositi jinsabu gewwa l-proprjeta' adjacenti tal-konvenut, qed jikkagunaw perkolazzjoni t'ilma gewwa l-garaxx tal-konvenut u qed iwasslu ghad-danni gol-istess garaxx. Tikkundanna lill-konvenut iwettaq dawk ix-xoghlijiet ta' tnehhija u tindif tad-depositi kollha, inkluz it-terrapien u hamrija li hemm imissu mal-hajt gol-istess garaxx.

Tipprefiggi zmien sabiex dan ix-xoghol isir u li fin-nuqqas ta’ dan jigi awtorizzat jaghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji a karigu tal-konvenut, okkorrendo bin-nomina ta’ perit. Tiddikjara wkoll lill-konvenut responsabbli ghad-danni minnu subiti, tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-ammont ma jeccedix il-hamest elef Ewro (€5,000).

Il-konvenut minkejja li gie notifikat permezz ta’ diversi ittri ufficcjali baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali. Bl-imghax kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmela Burlo’ fejn eccepiet is-segwenti:-

*l. Illi l-attur ghandu jipprova d-danni allegatament subiti minnu u l-quantum ta’ l-istess danni.*

*2. Illi l-konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lill-attur jew lill-proprjeta’ tieghu, ghaldaqstant huwa ghandu jipprova li l-konvenuta hija effettivament responsabbli ghad-danni allegatament subiti minnu.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet lill-attur **Joseph Farrugia** jixhed nhar is-16 ta’ Gunju 2009 u jikkonferma li huwa ghandu garaxx fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra f’Birkirkara, u dan ghandu l-hajt tieghu adjacenti mal-proprjeta’ tal-konvenuta. Bejn il-hajt tal-konvenuta u dak tieghu hemm spazju u f’dan l-ispazju hemm terzi li qed jitfghu il-hmieg. Qal li dan l-ispazju jappartjeni lill-konvenuta. Bhala rizultat ta’ dan il-hmieg u mbarazz, il-hajt qed isofri umdita’. Huwa esebixxa certifikat mahrug mill-perit tieghu li gie mmarkat bhala Dok. X dwar id-danni li ssubixxa. Esebixxa wkoll numru ta’ ritratti li jindikaw l-umdita’ li ghandu fil-prorpjeta’ tieghu bhala rizultat ta’ dan l-agir tal-konvenuta.

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-attur kif prezentata fl-atti nhar l-ghoxrin (20) ta’ Mejju 2010 fejn ceda l-mertu tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti permezz tan-nota tal-attur prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta’ Gunju 2010 (fol. 23 et seq).

Semghet ghal darb’ ohra lill-attur **Joseph Farrugia** jixhed nhar l-ghaxra (10) ta’ Gunju 2010 u jghid li qabel ma fetah il-kawza odjerna huwa kien baghat lill-konvenuta l-ittra esebita a fol 24 et seq. Jispjega li skond dawn id-dokumenti kellhom isiru xi xoghlijiet, u dawn kollha saru, mill-konvenuta wara li nfethet il-kawza odjerna. Qal li huwa tkellem mal-konvenuta sabiex jaslu fi ftehim dwar l-ispejjez tal-kawza izda ma waslux. Jghid pero’ li l-konvenuta hallsitu s-somma ta’ mitejn Ewro (€200) bhala spejjez tal-kawza. Naturalment jghid li jixtieq il-bilanc.

Ikkunsidrat:

Illi kif gie ritenut fil-kawza deciza nhar il-5 ta' Gunju, 2009 fl-ismijiet **Carmela sive Bella Hili bhala eredi universali ta’ ommha Therese Hili vs Meli Car Rentals Limited u Paul Hili** “Hu principju generali rakkolt mill-gurisprudenza illi “l-obbligu
tas-sokkombent f’kawza civili li jirrifondi lir-rebbieh l-ispejjez tal-kawza ghandu bhala fondament guridiku t-turbament tad-dritt li l-kondotta ingusta tkun ikkagunat; u minhabba f’dan, l-ordni privat ma jkunx ristabbilit ghal kollox jekk is-sokkombent ma jirrifondix lir-rebbieh l-ispejjez li kienu necessarji ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni jew tad-difiza (**Mortara,** “**Principi di Proc. Civ.** n. 179)”
(“**Veronica Conti -vs- Victor Conti**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 20 ta’ Marzu, 1957). Issokta jigi pprecizat illi l-kriterju tas-sokkombenza jista’ jkollu wkoll bazi fil-kolpa, tant li gie enuncjat illi “l-Qorti tahseb li ghal ragunijiet ugwali, jekk mhux aqwa, ta’ gustizzja, l-attur jista’ f’kazijiet specjali jew specjalissimi jigi ezonerat minn kull spejjez u dawn jehilhom il-konvenut minhabba l-kolpa jew malizzja ta’ dan.” Ara “**Francis Vella -vs- John Debono**”, Appell Civili, 15 ta’ Frar, 1965. Ghal vers iehor, il-kaz prezenti, fil-

fehma tal-Qorti, jista', fic-cirkostanzi maghrufa, jirrientra hu wkoll f'din l-ekwazzjoni.

Illi mill-provi prodotti u cioe' mix-xhieda tal-attur jirrizulta li l-konvenuta rregolat ruhha fil-mori tal-kawza, tant li l-attur ceda l-mertu fil-konfront taghha fil-mori tal-kawza. Jirrizulta pero' li x-xoghlijiet rimedjali saru mill-istess konvenuta u dan mhux kontestat, u ghalhekk il-konvenuta hija responsabbli ghal dak li qed jghid l-attur fir-rikors promotur tieghu. In oltre jirrizulta li l-konvenuta tant hasset ruhha responsabbli ghal dak li gara li sahansitra anke offriet li thallas l-ispejjez tal-kawza u ghaddiet is-somma ta' mitejn Ewro (€200) lill-attur. Minn imkien ma jirrizulta li dan l-ammont li thallas kien ghas-saldu ta' kull pretensjoni u ghalhekk l-attur ghandu ragun jghid li jrid il-bilanc ukoll.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tesprimi ruhha fuq il-mertu tal-kawza, stante li dan jinsab ezawrit u cedut mill-attur, tiddikjara li l-konvenuta ghandha tinstab responsabbli ghal dak li sehh, w ghalhekk filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u konsegwentement tal-ecezzjonijiet tal-konvenuta, qieghda tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ispejjez tal-kawza u dawk tal-ittri legali esebiti fl-atti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------